PARLAMENT EWROPEW

2004 ***2009***

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

14.6.2007

DOKUMENT TA' ĦIDMA

Lejn strateġija ta' l-Unjoni Ewropea f'rabta mad-drittijiet tal-minorenni

Il-Parti 2: prijoritajiet

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Roberta Angelilli

III. XI OQSMA TA' PRIJORITÀ LI FUQHOM GĦANDHA TINBENA L-ISTRATEĠIJA

l. Ġlieda kontra kull għamla ta' vjolenza

Il-vjolenza kontra l-minorenni m'hijiex iġġustifikata, tkun xi tkun l-għamla tagħha. . Din hija l-idea ewlenija tar-rapport tal-Professur Pinheiro, ippre¿entat matul is-seduta ta' smigħ tas-17 ta' April, u li ntlaqgħet b'mod sħiħ ukoll mir-rapport pre¿enti[1].
Proprju għalhekk huwa indispensabbli li mhux biss jiġu kkastigati dawk li jwettqu atti ta' vjolenza, i¿da li tkun elaborata wkoll strateġija għall-prevenzjoni tal-vjolenza fuq il-minorenni.

L-Unjoni Ewropea diġà implimentat bosta strumenti importanti għall-ġlieda kontra l-vjolenza li tagħha jisfaw vittmi l-minorenni: il-programmi DAPHNE u AGIS[2]; il-pjan ta' ħidma għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin[3]; id-Deċi¿joni kwadru tal-Kunsill 2002/629/JHA tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin[4]; id-Deċi¿joni tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 sabiex tkun miġġielda l-pornografija tat-tfal fuq l-Internet[5]; id-Deċi¿joni kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal[6] u bosta mi¿uri għall-ġlieda kontra t-turi¿mu sesswali f'rabta mal-minorenni.

F'rabta ma' dan l-aħħar aspett, il-Kummissarju Frattini ħabbar, matul is-seduta ta' smigħ tas-17 ta' April li għadda, li l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tirrinforza, f'kollaborazzjoni ma' l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar, il-mi¿uri li tqiegħdu fis-seħħ għat-tnaqqis tal-flussi tat-turi¿mu sesswali li joriġinaw mill-Istati Membri, fatt li r-rapporteur tilqa' b'mod po¿ittiv, filwaqt li tittama barra minn hekk fit-twettiq ta' proċeduri li jippermettu koordinazzjoni aħjar ta' l-inkriminazzjonijiet ekstraterritorjali. Il-Kummissarju Frattini ħabbar, barra minn hekk, Komunikat dwar il-kriminalità fuq l-Internet, li ġie adottat nhar it-22 ta' Mejju 2007.

F'rabta ma' l-isfruttament sesswali tat-tfal, ta' min wieħed jirrievoka li l-Kunsill ta' l-Ewropa jinsab f'fa¿i ta' adozzjoni ta' Konvenzjoni għall-ħarsien ta' minorenni mill-isfruttament sesswali u mill-abbu¿i sesswali, li fuqha l-Istati Membri ta' l-UE kkoordinaw il-po¿izzjoni tagħhom fi ħdan il-qafas tal-Kumitat ta' l-Artikolu 36. F'kuntest bħal dan, issemmiet l-ade¿joni possibbli tal-Komunità u/jew ta' l-UE mal-Konvenzjoni msemmija hawnfuq. Ir-rapporteur tħeġġeġ l-ade¿joni u tittama fl-adozzjoni ta' po¿izzjoni ta' prinċipju f'rabta ma' dan, sabiex l-UE tkun tista', fil-ġejjieni, tieħu sehem fin-negozjati ta' Konvenzjonijiet fil-qasam tal-liġi penali (b'mod partikolari Konvenzjonijiet li ġew iffinalizzati għall-ħarsien ta' minorenni) u li tirratifikahom.

Barra minn hekk, huwa urġenti t-twaqqif ta' sistema ta' ħarsien ta' minorenni mill-abbu¿i sesswali li tipprevedi xi mekkani¿mi effikaċi u kkoordinati ta' kontroll, sabiex il-persuni li, wara li jingħataw sentenza, jitqiesu mhux adattati li jaħdmu mat-tfal, ikunu jistgħu jitwarrbu b'mod effettiv milli jingħataw aċċess għal professjonijiet bħal dawn. Għaldaqstant ir-rapporteur tittama li l-Kunsill jirrinforza l-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fil-ka¿ijiet ta' sfruttament sesswali tat-tfal u ta' pornografija tat-tfal, filwaqt li jtejjeb il-koperazzjoni f'oqsma ta' skambju ta' tagħrif dwar pieni preċedenti fuq livell ta' l-UE u jimponi sensiela ta' obbligi minimi f'rabta ma' l-Istati Membri. Dan għandu jseħħ sabiex ikun iggarantit li, il-projbizzjoni ta' ¿volġiment ta' attività f'kuntatt mat-tfal imposta fuq il-persuna

kkundannata minħabba reati sesswali fi Stat Membru wieħed, jittieħdu passi legali f'rabta magħha fl-Istati Membri l-oħrajn.

Fil-qasam tal-pornografija tat-tfal fuq l-Internet, bi qbil ma' xi istituti bankarji u bis-saħħa tal-kards ta' kreditu prinċipali, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tevalwa l-possibiltà li teskludi mis-sistema ta' ħlasijiet fuq l-internet is-siti li jbigħu materjal pornografiku tat-tfal. Hija inizjattiva ta' min wieħed ifaħħarha li jistħoqqilha li tingħata l-attenzjoni kollha tagħna u li tiġi mistħarrġa minna iktar fil-fond.
F'ka¿ speċifiku, fejn bank - ta' sikwit wara li joħroġ avvi¿ mill-istitut tal-kard tal-kreditu li jkun wettaq il-kontroll – jannulla l-kuntratt man-negozjant li jbigħ fuq l-internet materjal pornografiku tat-tfal, dan għandu jkun awtorizzat li jgħaddi t-tagħrif lil istituti oħrajn tal-kreditu, fuq ba¿i ta' l-interess superjuri tal-minorenni. Suppost, għal dan il-għan, għandha tinħoloq ba¿i tad-data – li tiġi aġġornata b'mod kostanti – li tni¿¿el f'lista n-negozjanti li jbigħu l-pornografija tat-tfal. It-tagħrif marbut ma' dan it-tip ta' bejjiegħ suppost barra minn hekk jingħadda minnufih lill-pulizija ta' l-Istat Membru kkonċernat, lill-Europol u lill-Interpol. Dejjem fil-qasam tal-ġlieda kontra l-pornografija tat-tfal fuq l-internet, wieħed jittama li jsiru kampanji ta' tagħrif u għat-tqajjim tal-kuxjenza tal-pubbliku, għall-ħarsien tal-minorenni u sabiex jiġu kkundannati dawk li jikkommettu r-reati.

Fil-qasam tal-vjolenza li tinxtered fuq l-internet, wieħed jittama li titwaqqaf sistema ta' awtoregolazzjoni tas-siti li jittrasmettu xbihat jew vidjows ta' buljar. Dawk li jimmaniġġjaw l-internet għandhom jissorveljaw xi kontenut li jiċċirkola fuq is-siti tagħhom u jipprojbixxu l-hekk imsejjaħ "buljar fuq l-internet", li jħeġġeġ il-vjolenza fost il-minorenni, barra l-umiljazzjoni ta' studenti u għalliema.
F'rabta ma' dan li ntqal hawnfuq, ir-Rapporteur tapprezza l-programm tal-Komunità "*Safer Internet Plus* (2005-2008)", maħsub għall-promozzjoni ta' l-u¿u iktar ¿gur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji ġodda fuq l-internet li bis-saħħa tiegħu nħolqu numri tat-telefown u linji diretti b'għan speċifiku, sabiex tingħata għajnuna lit-tfal li jiġu f'kuntatt ma' kontenut illegali u ta' ħsara.
L-istess tip ta' attenzjoni tingħata wkoll lill-mezzi l-oħrajn ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari t-TV, bl-għan li tkun ikkontrollata u limitata t-trasmissjoni ta' xhihat u ta' kontenut vjolenti jew li m'humiex adattati għall-minorenni.
Għamla gravi oħra ta' vjolenza fuq il-minorenni li hemm il-ħtieġa li tingħeleb hija dik tal-mutilazzjoni tal-ġenitali. Dan il-fenomenu, bħala ri¿ultat ta' l-immigrazzjoni li kulma jmur qiegħda tikber mhux dejjem akkumpanjata minn integrazzjoni reali, qiegħed ji¿died b'mod ta' l-għaġeb ukoll ġewwa l-Unjoni Ewropea. Ta' spiss tobba kuntenti jwettqu dan l-att jagħmlu din it-tip ta' operazzjoni bil-moħbi, i¿da iktar ta' sikwit minn hekk il-minorenni li jġarrbu din it-tip ta' di¿abiltà jittieħdu fil-pajji¿i ta' l-oriġni tagħhom u hemmhekk isirilhom il-proċess ta' mutilazzjoni, fin-nuqqas ta' tagħrif jew għajnuna medika speċifika. Il-ħsara li ssirilhom tkun permanenti b'konsegwenzi gravi fuq is-saħħa fi¿ika u psikoloġika tal-vittma.
Ikun opportun f'rabta ma' din il-problema li tkun prevista kollaborazzjoni mal-Pajji¿i ta' l-oriġni.

Fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin[7], ir-rapporteur għandha l-ħsieb li tenfasizza l-valur mi¿jud li l-koperazzjoni mal-Europol u mal-Eurojust tista' toffri u ssostni li għandhom jintu¿aw il-mezzi kollha neċessarji sabiex tkun irrinfurzata l-ħidma tagħhom, għall-ħarsien tal-minorenni minn pjaga bħal din u minn kull tip ta' għamla ta' vjolenza u ta' sfruttament, mhux biss sesswali. Fil-fatt, l-isfruttament ta' persuna minorenni jista' jassumi l-iktar

għamliet varji, fosthom l-u¿u tat-tfal għall-elemo¿ina, li b'mod evidenti jagħmel ħsara lid-dinjità tat-tfal u li jikkaw¿alhom danni psikoloġiċi gravi; għaldaqstant, prattika bħal din għandha tkun ipprojbita fl-Istati Membri kollha. Ir-rapporteur għaldaqstant tittama li l-Istati Membri jipprovdu lill-Europol u lill-Eurojust it-tagħrif kollu neċessarju għat-titjib ta' l-effikaċja tagħhom u li l-Europol jirrinforza l-koperazzjoni ma' l-Interpol u mal-Frontex.

Matul is-seduta ta' smigħ tas-17 ta' April, il-Kummissarju Frattini insista fuq ir-rieda li jegħleb, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-industrija, vidjowgejms vjolenti, inizjattiva li r-rapporteur tħeġġeġ b'mod sħiħ.

2. Ġlieda kontra l-faqar u d-diskriminazzjoni u d-dritt għall-edukazzjoni

L-istrateġija pre¿enti trid twaqqaf għaliha nnifisha bħala mi¿ura ta' sostenn u ta' implimentazzjoni prattika, xi Għanijiet tal-millennju, li jistabbilixxu prijoritajiet globali għall-abitanti kollha tad-dinja, i¿da fl-ewwel lok għat-tfal. Fost l-għanijiet insibu l-ġlieda kontra l-faqar estrem, l-edukazzjoni primarja universali, il-promozzjoni ta' saħħet l-omm, it-tnaqqis tar-rata tal-mewt tat-tfal u l-kampanji ta' prevenzjoni ta' l-HIV/ta' l-AIDS u kampanji ta' tilqim.
Hemm il-ħtieġa wkoll li jitħarsu t-tfal mill-agħar għamliet ta' sfruttament, bħax-xogħol ta' minorenni, l-involviment ta' minorenni fi gwerer (tfal suldati) u l-iskjavitù domestika.

Il-faqar ta' sikwit jiddetermina l-esklu¿joni soċjali u d-diskriminazzjoni.
Fil-komunikat tagħha, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni li tipproċedi, mill-2007, bil-ġbir flimkien tal-ħidmiet li saru fuq livell ta' l-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal.

Fil-fatt, huwa essenzjali li l-UE tittratta dawn il-problemi bi qbil mad-dispo¿izzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal, li fl-Artikoli 17 u 28 tikkonferma d-dritt ta' kull persuna minorenni għal livell ta' ħajja li jippermetti l-i¿vilupp fi¿iku, mentali, morali u soċjali, barra mid-dritt tat-tfajjel għall-edukazzjoni. Id-dritt għall-edukazzjoni jissemma wkoll fl-Artikolu 14 tad-Dokument tad-drittijiet fundamentali.

L-UE għandha wkoll tagħmilha ta' għassies sabiex ma jkunux ittollerati diskriminazzjonijiet fil-qasam ta' l-aċċess għat-tagħlim. S'issa, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità, timponi lill-Istati Membri l-obbligu li jipprojbixxu kull għamla ta' diskriminazzjoni, diretta jew indiretta, fis-settur ta' l-edukazzjoni. Fil-fatt, dan ifisser li skond l-istat attwali tal-leġi¿lazzjoni tal-Komunità, il-minoranzi etniċi biss jibbenefikaw minn ħarsien mid-diskriminazzjoni fil-qasam tat-tagħlim, u mhux il-minoranzi reliġju¿i u lingwistiċi. Ir-rapporteur tistqarr li jkun opportun li jkunu adottati **dispo¿izzjonijiet** ġodda sabiex tiġġedded il-firxa ta' applikazzjoni tal-ħarsien mid-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-aċċess għall-edukazzjoni[8].
L-2007 hija s-sena ta' l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Ir-rapporteur tittama li l-Kummissjoni tiddedika ruħha għall-elaborazzjoni ta' direttiva ġdida, li bħala firxa ta' applikazzjoni tinkludi l-oqsma kollha li jissemmew fid-Direttiva dwar it-"trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità" (l-Artikolu 3) u tagħmilhom applikabbli għall-motivazzjonijiet ta' diskriminazzjoni indikati fl-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi lill-KE: is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-disabilità, l-età jew it-tendenzi sesswali.

Proprju l-persuni minorenni b'di¿abbiltà għandhom ikunu waħda mill-prijoritajiet prinċipali tal-ħidmiet tal-ġejjieni ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-ħarsien tad-drittijiet tal-minorenni. F'rabta ma' dan, huwa opportun li wieħed jenfasizza l-fatt li l-persuni minorenni b'di¿abiltà huma pjuttost minorenni "abbli b'mod differenti" u minħabba f'hekk huwa fundamentali li jingħata kontribut għall-i¿vilupp sħiħ tagħhom u għar-rispett lejhom.

Ir-rapporteur barra minn hekk issostni li f'ka¿ijiet bħal dawn, b'mod partikolari għat-tfal Roma, għandhom ikunu previsti ħidmiet po¿ittivi għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Fil-fatt, dan jidher li huwa l-uniku mezz sabiex tinstab soluzzjoni għas-segregazzjoni li kultant ikunu suġġetti għaliha[9].

Għandha ssir promozzjoni kemm ta' kampanji għall-infurzar ta' l-edukazzjoni obbligatorja, li huma utli sabiex jingħeleb il-fenomenu tal-ħila baxxa li wieħed ikun jaf jaqra u jikteb, kif ukoll ħidmiet preċi¿i sabiex jingħelbu l-livelli għoljin ta' tixrid mill-ambjent skolastiku ta' minorenni ta' Roma.
Fl-istess ħin, hemm il-ħtieġa li ssir promozzjoni ta' proġetti ta' tilqim u ta' għajnuna sanitarja adegwata min-naħa ta' korpi mediċi lejn trabi u tfal ta' Roma, kategorija li tirreġistra riskju għoli ta' mard.

Barra minn hekk, ikun opportun li jsiru sforzi mmirati favur it-tfal li jimirħu fit-toroq, li dwarhom je¿isti tagħrif mhux komplut, filwaqt li s-sitwazzjoni tagħhom ta' diffikultà partikolari tiġġustifika l-mi¿uri mmirati.

3. Id-drittijiet ta' minorenni emigranti

Fil-komunikat tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza l-fatt li "sfida oħra tikkonsisti f'li jkun ¿gurat li l-politiki u r-regolamenti ta' l-UE jirrispettaw b'mod sħiħ id-drittijiet ta' minorenni emigranti, ta' minorenni li jkunu qegħdin ifittxu refuġju u ta' minorenni refuġjati"[1]. Ir-rapporteur tħeġġiġha sabiex tidħol għal sfida bħal din.

F'rabta mar-refuġju, fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill strumenti ġodda, sabiex tinħoloq sistema komuni ta' refuġju. Ir-rapporteur s'issa tixħet dawl fuq il-fatt li l-kondizzjoni speċifika tal-minorenni għandha titqies b'iktar serjetà f'rabta mal-mi¿uri kollha adottati f'kuntest bħal dan. Fil-fatt, għalkemm l-istrumenti disponibbli bħalissa jipprevedu dispo¿izzjonijiet diġà maħsubin għall-ħarsien tal-minorenni, dawn mhux dejjem ikunu bi¿¿ejjed; barra minn hekk fadal problemi f'rabta ma' l-applikazzjoni tagħhom[2]. Għaldaqstant hemm il-ħtieġa, bħal ngħidu aħna, li ssir verifika li l-uffiċjali inkarigati mit-trattament tal-ka¿ijiet differenti jingħatalhom taħriġ speċifiku, li l-minorenni jingħataw widen f'kondizzjonijiet adattati għall-età tagħhom, fatt li għandu jiġi ddeterminat bl-ikbar reqqa possibbli, u li jkunu identifikati alternattivi għad-detenzjoni, li ma sservix ħlief biex i¿¿id iktar trawmi għal dawk li diġà jkunu għaddew minnhom it-tfal. Il-kunċett ta' "interess superjuri fil-minorenni" għandu wkoll ikun iddefinit b'reqqa,

[1] KUMM(2006)0367 paġ. 7.
[2] Cfr. f'rabta mal-fatt imsemmi għall-intervent tar-rappre¿entant ta' l-HCR (*Haut Commissariat des Nations-Unies pour les Réfugiés*) waqt is-seduta ta' smigħ tas-17 ta' April http://www.europarl.europa.eu/hearings/default_en.htm

f'konsultazzjoni mill-qrib, b'mod partikolari, ma' l-*HCR* (Kummissarjat Għoli tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati), li ¿viluppa proċedura għad-determinazzjoni b'mod formali ta' dak li jistqarr fil-kunċett ta' interess superjuri, jew aħjar il-"*BID*" (Determinazzjoni ta' l-Aqwa Interessi)[3].

Dan il-kunċett huwa ta' importanza partikolari fil-ka¿ ta' minorenni mhux akkumpanjati, li minnhom hija evidenti l-vulnerabiltà tagħhom[4]. Għaldaqstant, huwa opportun li ssir sorveljanza sabiex ikunu mgħarrfa kif suppost dwar id-drittijiet tagħhom u kif jistgħu jħarsuhom, filwaqt li jitqiegħdu f'kondizzjoni li jibbenefikaw f'qasir ¿mien mill-għajnuna ta' rappre¿entant legali.
Barra minn hekk, bosta tfal ma jiġux irreġistrati mat-twelid. Li wieħed ma jiġix irreġistrat ifisser li ma jkollux id-dritt għal identità, għal isem, għal nazzjonalità, għal edukazzjoni u għal kura sanitarja. L-invi¿ibiltà tat-tfal titlob intervent konkret, minħabba li persuna minorenni mhux irreġistrata ma tgawdix minn stejtus legali personali, filwaqt li dan jagħmel diffiċli l-kontroll, il-prevenzjoni u l-intervent f'ka¿ ta' ksur tad-drittijiet tagħha. Ta' sikwit jiġri li, fil-fatt, it-tfal li ma jiġux irreġistrati jisfaw vittmi ta' traffikar u sfruttament sesswali, ta' skjavitù u ta' tħaddim ta' minorenni.

IV. KONKLU¯JONI

L-oqsma msemmijin qabel, fejn id-drittijiet ta' minorenni jitolbu li tingħatalhom attenzjoni partikolari, huma biss ftit mill-aspetti li hemm il-ħtieġa li jiġu evalwati sabiex jintlaħaq l-għan ta' "integrazzjoni" effettiva. Oqsma problematiċi oħrajn, fosthom b'mod partikolari l-kwistjoni ta' l-edukazzjoni f'rabta ma' l-ikel, l-abbu¿ ta' l-alkoħol u t-tixrid tad-droga li, skond l-istħarriġ li sar minn *Save the Children,* huma xi ftit mill-problemi l-kbar li sabiex jingħelbu mill-istess minorenni, għandhom naturalment iwasslu għall-adozzjoni ta' mi¿uri konkreti.
Bosta drittijiet oħrajn tat-tfal jinkisru jew inkella ma jiġux irrispettati kif suppost. Je¿istu bosta sitwazzjonijiet kritiċi marbutin mat-tfulija. Biss biex nagħti ftit e¿empji: i¿-¿ieda esponenzjali tal-ka¿ijiet ta' serq internazzjonali ta' minorenni; il-kumplessità burokratika li tagħmel diffiċli l-adozzjoni internazzjonali ta' mi¿uri; it-traġedja ta' ¿wiġijiet sfurzati; l-għadd impressjonanti ta' tfal li jisparixxu li ħadd ma jisma' iktar b'aħbarhom.
Kif irrievokat mir-rapporteur fl-introduzzjoni, l-oqsma ta' prijorità ta' l-istrateġija proposta mill-Kummissjoni se jkunu suġġetti għal diskussjonijiet fil-fond f'fa¿i ulterjuri, f'seduti varji, fosthom fil-Forum li ltaqa' għall-ewwel darba f'Berlin.

Se jkun importanti wkoll li ssir evalwazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ta' l-istrateġija Ewropea tal-ġejjieni sabiex jingħataw sostenn il-familja u r-rata tat-twelid, u wkoll sabiex ikunu ggarantiti d-drittijiet tat-tfulija bikrija.

---

[3] Id-determinazzjoni formali ta' l-interess superjuri (*BID*) hija proċess formali li jiġbor fih proċeduri speċifiċi ta' sikurezza u rekwiżiti ta' dokumentazzjonijiet definiti għal xi persuni minorenni li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza ta' l-HCR. Huma każijiet deċiżivi li għandhom jevalwaw u jibbilanċjaw il-fatturi kollha rilevanti marbutin ma' każ speċifiku u li għandhom jagħtu importanza xierqa lid-drittijiet u lill-obbligi kkonfermati fil-CDE (*Convention des droits de l'enfant*) u fi strumenti oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem, bl-għan li jintlaħaq ftehim dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni kompluta li tħares bl-aħjar mod id-drittijiet tal-minorenni.
[4] Skond l-istimi ta' l-*HCR*, bejn l-4 u l-5% ta' dawk li jitolbu refuġju li jaslu fit-territorju ta' l-Unjoni huwa magħmul minn minorenni mhux akkumpanjati, jiġifieri ċifra li tiġbor fiha bejn 8000 u 10000 persuna minorenni fl-2006.